

Brussell, 8 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6893/18

FIN 201
INST 93
PE-L 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6688/18 FIN 181
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2018 fit-Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018

1. Fit-28 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2018.

L-għan ta' din il-proposta hu li jiġi trasferit ammont totali ta' EUR 724 123.15

f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-Partita 09 01 04 01 (*Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) - teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT)*) u mill-Partita 09 03 04 (*WiFi4EU — Appoġġ għall-iskjerament ta' Wifi lokali ħieles*) għall-Partita 06.01.06.01 (*Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks - Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)*), kif irreġistrat fid-dokument 6688/18.

2. L-għan ta' dan it-trasferiment hu li jiġu koperti l-ispejjeż addizzjonali tal-Aġenzija għall-varar tal-inizjattiva WiFi4EU fl-2018.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Marzu 2018.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Kummissjoni

kopja : President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ottubru 2012¹, nixtieq ngħarrfek li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018.

(Formula ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).